MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 875/2009

**GO plc – C22334**

**vs**

**Alexander Azzopardi – ID 555264M**

**It-Tribunal**,

**Ra** l-AVVIZ li fih **talba**, minn naha tas-socjeta' attrici, biex il-konvenut jigi kundannat ihallas il-*quantum* ta' elfejn, mija, disgha u erbghin Ewro disgha u tlettin centezmi (€2149.39c) ghal servizzi telefonici numri 21346560 u 21346564 kif muri bid-Dok A mehmuz mal-AVVIZ. Il-konvenut naqas li jhallas minkejja li gie mitlub jaghmel dan.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali ai termini tal-Art 166A tal-Kap12 u bl-imghax mid-data tal-ahhar pagament jigifieri l-20 ta' Awwissu 2007. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

**Ra** li wara gie notifikat permezz ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gurnal lokali, il-konvenut deher fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2010 u gie verbalizzat li dan, fuq mistoqsija tat-Tribunal, iddikjara li ma kienx qed jikkontesta t-talba u gharraf li kien ghamel pagament akkont.

Wara li l-kawza giet differita ghal ghadd ta' drabi ghal probabbli cessjoni fl-20 ta' Mejju giet prezentata Nota tas-socjeta' attrici li biha t-talba giet ridotta ghal elf, mija, sitta u ghoxrin Ewro, disgha u tlettin centezmi (€1126.39c)

**<u>DECIZJONI</u>**

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq it-TRIBUNAL **jikkundanna** lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici l-*quantum* ta' elf, mija, sitta u ghoxrin Ewro, disgha u tlettin centezmi (€1126.39) bl-imghax mill-20 ta' Awwissu 2007 sal-jum tal-pagament effettiv u dana ghandu jittiehed f'kont u jkun regolat kif suppost, jekk il-hlas isir f'pagamenti.

Bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz u dawk tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------